


# 55 Sena Ilu: It-Traġedja ta' El Adem

Richard J. Caruana

Kien it-Tlieta, 10 t'Ottubru 1961, meta l-ferħ li kien jirrenja qalb is-suldati Maltin li bil-ħerqa kienu qed jistennew li jirritornaw lura pajjiżhom mil-Libja nbidel f'biki u mwiet hekk kif l-ajruplan li kienu fuqu kkraxxja waqt it-tlugħ mill-mitjar ta' El Adem. Wieħed minn dawk li salvaw u li għadu jgħix fir-raħal tagħna - Joseph Vidal - ispirani biex infakkar din it-traġedja.

Dik li llum hija magħrufa bħala Gamal Abdul El Nasser Air Base inbniet fi żmien il-kolonizzazzjoni Taljana tal-Libja fil-bidu tat-tletinijiet tas-seklu li għadda f'El Adem. Kif faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija insibuha bħala l-bażi tal-5 *Squadra Aerea* tar-*Regia Aeronautica* u matul dak il-konflitt għaddiet minn taħt idejn l-Ingliżi u l-Ġermaniżi kemm-il darba sakemm spiċċat f'idejn l-Ingliżi. Kienet bażi ewlenija għall-Qawwa tal-Ajru Ingliża (RAF) fil-Libja, u li fil-kriżi tas-Suez tal-1956 kellha rwol importanti ħafna.[1]

Id-dehra ta' pianura fid-deżert kif kienet fi żmien il-gwerra nbidlet mhux ħażin għax sal-bidu tas-sittinijiet kienu nbnew żewġ *runways* tal-konkos miksijin bit-tarmak, *hangars* u bini residenzjali għal kull min jaħdem jew jiġi jzur il-bażi. Fizzjali u suldati tar-Royal Engineers (Malta), Royal Malta Artillery (RMA) u reġimenti Ingliżi bbażati f'Malta kienu jgħaddu mit-*Transit Camp* kull meta kienu jissejħu biex imorru jaħdmu xogħol ta' kostruzzjoni f'dak l-ambjent deżolat, taħt sħana qawwija matul il-ġurnata u kesħa x-xoqq l-għadam bil-lejl.[2]

F'nofs Settembru 1961 mitejn u għaxar suldati li kienu jiffurmaw it-Truppa tal-Kostruzzjoni fil-Malta Fortress Squadron, Royal Engineers ibbażati fil-*Barracks* ta' San Ġorġ (Pembroke) waslu fil-Libja fuq il-vapur *Empire Skua*. Ittieħdu biex jipparteċipaw f'taħriġ tal-North Atlantic Treaty Organization (NATO) bl-isem 'Saturn' f'Tobruk, Derna u El Michill.[3] L-iskop prinċipali tat-taħriġ kien li jinbena port għall-użu tal-*Craft Landing Barges* f'daħla żgħira f'Żabrata. Il-Maltin, flimkien ma' inġiniera oħra minn Ċipru u tim tal-

---

[1] Ħal Luqa u l-*RAF*, l-awtur, Programm tal-Festa 2005, Għaqda Mużikali Sant'Andrija.
[2] *Tragedy at El Adem*, Mark Said, *Malta Flypast No. 4*, 2001, *Malta Aviation Museum*.
[3] *41 Sena mit-tragedja ta' El Adem*, Charles Mizzi, it-Torċa, 6 t'Ottubru 2002.



Sekwenza tal-ħruq tal-Hastings fit-traġedja ta' El Adem fil-lejl tal-10 t'Ottubru 1961.




Il-Handley Page Hastings C2 WD98 meta kien għadu jservi mal-48 Sqdn,
sena qabel ma ġġarraf bis-suldati Maltin abbord (Ritratt Robin A. Walker)

kostruzzjoni tal-RAF tqabbdu jibnu triq li mid-deżert tinżel lejn il-mollijiet u skalli li nbnew fil-port. Ix-xogħol kien isir fuq żewġ xiftijiet kemm binhar u kif ukoll billejl.

Meta tlesta x-xogħol li kien assenjat lit-truppi Maltin, u kienu ġa telqu l-istaff u l-iskrivani, qamet il-kwistjoni ta' min mis-suldati ħa jirritorna lura Malta l-ewwel. Għalkemm is-Surġent Leli Falzon argumenta li dawk li waslu l-ewwel fil-Libja għandhom dritt jirritornaw l-ewwel il-fizzjal Ingliż Lt Col C. Daniels qatgħaha li tieħu preċedenza t-Truppa tal-Kostruzzjoni. Iżda ftit ġranet qabel ma kellhom jitilqu numru ta' suldati qabadhom attakk tad-diżenterija minn xi ikel skadut li kienu ingħataw u l-mewġa qawwija ta' sħana f'dik in-naħa tal-Libja kompliet ikkomplikat il-kundizzjoni tagħhom.

Fl-ewwel ġranet ta' Ottubru 1961 il-Maltin ħerqana għal mistrieħ xieraq wara ġimgħat ta' xogħol iebes u stressanti, bdew jirritornaw Malta bl-ajru u sal-10 ta' dak ix-xahar'l fuq minn mitt suldat kienu waslu lura f'pajjiżna. Kien għad baqa' xi erbgħin ruħ jistennew biex jiġu. Dakinhar dawn kielu f'nofsinhar u wara twasslu f'El Adem biex jistennew il-ħin tat-tluq lejn Malta. Qabel ma telgħu fuq l-ajruplan l-ambjent bejn is-suldati Maltin kien wieħed ferrieħi. Saħansitra kien hemm min tefa' xi botta lil sħabhhom għax kienu se jitilqu qabilhom. Telgħu mill-bieba ta' wara fuq il-Handley Page Hastings bir-reġistrazzjoni WD498 tal-Iskwadra Nru 70 tal-RAF erbgħin suldat taħt il-kmand ta' fizzjal Ingliż imma kellhom jerġgħu jitniżżlu hekk kif il-magna nru 4 irrifjutat li taqbad minkejja diversi tentattivi.

Wara xi siegħa li s-suldati qadu jistennew fit-*transit lounge* reġgħu issejħu abbord għal ħabta tat-tmienja u għaxra (is-seba' u għaxra f'Malta). Fuq l-ajruplan, il-*Quartermaster* Sgt Hughes ta lis-suldati abbord struzzjonijiet tad-drill tal-emerġenza billi spjega fejn jinsabu t-twieqi u l-bieb prinċipali ta' wara minn fejn wieħed seta' joħroġ f'każ ta' bżonn. Sadanittant il-magni tal-Hastings startjaw u l-ajruplan beda miexi lejn ir-*runway* 27 biex jibda t-titjira ta' 640 kilometru li kellha tieħu madwar tliett siegħat biex twasslu Malta.

Skont wieħed minn dawk li kien abbord, l-ajruplan inqata' malajr ħafna mill-art iżda baqa' f'għoli ta' xi tlieta jew erba' metri, ħabat lura fl-art u reġa' inqata' imma reġa' ħabat mar-*runway* it-tieni darba. Ma' dik il-ħabta il-bieba prinċipali ta' wara waqgħet għal barra. Mat-tielet darba li nqata' mill-art l-ajruplan kien qisu se jibqa' tiela imma f'daqqa waħda inqaleb fuq ġembu, tqaċċtet waħda mir-roti u l-ġwejnaħ tal-lemin infaqa' f'balla nar hekk kif ħabat mal-art waqt li l-ajruplan dar fuqu nnifsu u spiċċa wieqaf iħares lura minn fejn kien beda l-ġirja. Il-vampa tan-nar daħlet ġewwa mill-bieba ta' wara li kienet miftuħa u laqtet lil dawk li kienu bilqiegħda f'dik iz-zona tal-ajruplan, fosthom Psaila, Stivala, Busuttil, Fsadni u Portelli. Il-Kmandant tal-Kontinġent Malti, Cpt Boatwright kif ukoll Stivala u Lia kienu fost dawk li mietu fis-*seat* tagħhom fuq l-ajruplan.

It-tkaxkira tal-ajruplan ħalliet warajha xmara ta' fjuwil li qabad, u f'daqqa waħda id-dlam li kien waqa' fuq El Adem inxtgħel mill-vampa li skont Pawlu Micallef, li kien wieħed minn dawk li rnexxielu joħroġ mill-bieba tal-emerġenza, sejjaħ bħala xena tal-infern, b'nirien m'għola sular. Ikompli jgħid li ra tnejn mis-suldati jaqbdu ħerġin mill-ajruplan, qishom torċa mdawwra bin-nar. Mar jiġri jipprova jitfihom ma' xi oħrajn. Ma kellhomx biex jitfuhom u ppruvaw anki jużaw idejhom. Kien kollu għalxejn għax mietu l-għada. Ħafna minn dawk li ħelsuha minn ħalq il-mewt dehru jduru barra l-ajruplan qishom imfixklin u mħawdin waqt li oħrajn intilfu minn sejnsihom kawża tad-duħħan li belgħu.

Numru ta' ħaddiema Għarab jaħdmu mal-RAF li kienu qed jaraw film f'ċinema fil-qrib kienu l-ewwel li waslu b'Land Rover biex jagħtu l-għajnuna waqt li ftit wara waslu xi pajżana Maltin li wkoll kienu jaħdmu f'dik il-bażi. Huma għinu billi bdew iġorru l-feruti lejn is-*sick bay*; dawk li ma ġralhom xejn jew li weġgħu ħafif ħaduhom fil-mess. Il-kru tat-tifi tan-nar ta' El Adem dam sew ma wasal, meta mill-ajruplan kien inħaraq kważi għalkollox u kien baqa' biss il-parti ta' quddiem sħiħa. Dawn għamlu mill-aħjar li setgħu biex jitfu n-nirien. Ma kien xejn faċli hekk kif il-fuel li kien ħiereġ mit-tifrik kien qed jaqbad u jarmi sħana tremenda.

Tmien passiġġieri inkluż Sgt Hughes qatt ma ħarġu mill-ajruplan, għoxrin ruħ, li nofshom kienu sofrew ħruq estensiv, ittieħdu s-*sick quarters*. Ix-xena hemmhekk kienet waħda ta' tkexkix; din kienet l-ewwel emerġenza serja f'dil-bażi u ma kienx hemm preparazzjoni għal traġedja ta' dak il-kobor. Billi fuq il-bażi kien hemm biss qassis Protestant kellu jissejjaħ minn Tobruk qassis Nisrani biex jassisti lil dawk f'tarf ħajjithom li wasal xi siegħa u nofs wara. Seba' minnhom mietu ftit wara waqt li Sammut, Busuttil u Duca ittieħdu bl-ajru fi sptar f'Akroti (Ċipru), u minn hemm lejn l-isptar tal-RAF f'Halton, l-Ingilterra, imma Busuttil miet waqt it-titijira. B'hekk it-total tal-vittmi tela' għal sittax-il passiġġier u wieħed mill-membri tal-ekwipaġġ.

L-għada tat-traġedja dawk li salvaw talbu lil L/Cpl Sciberras biex imorru fuq il-post biex jaraw b'għajnejhom x'kien baqa' minn dak l-ajruplan li kellu jeħodhom lura Malta. Wara diskussjoni twila ingħata l-permess u ttieħdu ħdejn l-iskeletru ta' WD498 li minnu ma kien baqa' kważi xejn. Minbarra l-fdalijiet maħruqa tal-ajruplan fl-inħawi dehru wkoll il-ħwejjeġ personali tal-passiġġieri mxerrda ma' kullimkien. L-art tal-madwar kienet kollha maħruqa u xi 50 metru bogħod mill-ajruplan kien għad hemm parti mill-ġwejnaħ b'magna mwaħħla magħha. L-unika fortuna kienet li l-Hastings ma nqalibx fuq dahru għax kieku ħadd ma kien ikollu ċans joħroġ minnu ħaj.

L-aħbar waslet Malta fl-*Operations Centre* ta' Lascaris għalkemm għall-ewwel ftit li xejn kienu d-dettalji ta' x'ġara u n-numru tal-vittmi jew feruti. Biex ma jkunx hemm paniku żejjed speċjalment fost il-familji tas-suldati li kienu mistennija lura ma' dik it-titjira, ingħatat ordni biex jiġu mgħarrfa kemm jista' jkun malajr il-qraba ta' dawk li tilfu ħajjithom u tal-feruti gravi. Fil-ġranet ta' wara kien għad ma ntqal xejn lil dawk li salvaw kif u meta ħa jirritornaw lura, imma li kien żgur hu li talbu li jirritornaw bil-baħar, vjaġġ ta' tliett ijiem. Iżda psikoloġikament kien importanti li jirritornaw bl-ajru għax inkella kienu jibqgħu bil-biża' li jitilgħu fuq ajruplan għall-kumplament ta' ħajjithom. Kollha aċċettaw, ħlief wieħed li baqa' jinsisti li jiġi lura bil-baħar.

Jumejn wara t-traġedja Hastings bħal dak li ġgarraf f'El Adem niżel fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar fil-mitjar ta' Ħal Luqa jġorr tnax-il tebut imgeżwra f'*Union Jack* (bandiera tar-Renju Unit) li minn hemm ittieħdu direttament għall-kamra mortwarja tal-isptar tal-Imtarfa. Sagħtejn wara TG577, il-Hastings personali tal-*Air Commodore,* wasal Malta b'dawk li kienu ħelsuha mit-traġedja, kull wieħed minnhom akkumpanjat minn infermiera. Bħala rispett lejn sħabhom mejta dawn is-suldati talbu li jilbsu roqgħa sewda; il-kap tal-infermiera qgħattat ingravata sewda f'biċċiet żgħar u ħetithom fuq il-komma xellugija tal-qmis ta' kull wieħed minnhom. Ma setax jonqos li jistennewhom fil-mitjar ta' Ħal Luqa kien hemm mijiet ta' qraba, familjari u ħbieb.

L-aktar xhieda importanti waqt l-inkjesta li bdiet immedjatament l-għada tal-wasla tas-suldati Maltin kienet dik ta' L/Cpl



Uħud minn dawk li ħelsuha mill-kraxx tal-Hastings neżlin Hastings TG577. Fuq il-komma x-xellugija nħetitilhom roqgħa sewda waqt it-titjira bħala rispett lejn sħabhom li tilfu ħajjithom. Minn isfel għal fuq, jidhru: Joseph Sciberras mill-Ħamrun, Carmel Giordimaina minn Ħal Luqa, u Joseph Vidal mill-Belt Valletta, illum joqgħod Ħal Luqa.



Qraba u ħbieb jistennew biex jilqgħu lura l-maħbubin tagħhom wara l-wasla tagħhom lura Malta mil-Libja fid-daħla ta' RAF Luqa, magħrufa bħala l-Guardroom.







Joseph Vidal milqugħ minn oħtu Mary (lemin) u ommu Marija (xellug) hekk kif wasal lura mil-Libja fit-12 t'Ottubru.



Uħud mis-suldati tat-Truppa tal-Kostriuzjoni, ritratt meħud fil-*Barracks* ta' Tarhuna, l-Libja, kollha bil-platti f'idejhom sejrin għall-ikel.



Suldati tal-Royal Engineers waqt taħriġ f'Għajn Tuffieħa.



Tarhuna. Membri tat-Truppa tal-Kostruzzjoni waqt ftit mill-ħin liberu mix-xogħol, jitħalltu ma' nies tal-post u jippużaw ma' bejjiegħ tal-iġmla. Joseph Vidal jidher fuq il-lemin, kokka liebes l-abjad.




Il-vittmi tat-traġedja ta' El Adem.



Il-Berqa

Nru. 9,037. IL-HAMIS, 12, TA' OTTUBRU, 1961. Jinbiegh 2d

HDAX-IL SULDAT MALTI JMUTU F'DISGRAZZJA TA' L-AJRU FIL-LIBJA

MINN KORRISPONDENT TAGHNA

HDAX-IL Sapper Maltin — kollha membri tal-Malta Fortress Squadron Royal Engineers — mietu f'disgrazzja meta ajruplan Hastings tar-Royal Air Force Transport Command iġġarraf waqt li kien tiela' u sar fjammi fl-ajrudrom ta' El-Adem, il-Libja, nhar it-Tlieta filghaxija. Sappers Maltin ohra jinsabu fost dawk li ndarbu serajment jew hafif.

Żewġ passiġġieri ohra fuq l-ajruplan li wiehed minnhom kien uffiċjal Ingliż stazzjonat f'Malta, ... l-ekwipaġġ tal-Hastings.

Ajruplan tat-tip Hastings bhal dak li ġġarraf fil-Libja nhar it-Tlieta filghaxija u li fuqu tilfu hajjithom il-hdax-il suldat Sappers Maltin u żewġ Ingliżi.

L-aħbar kif dehret fil-Berqa tat-12 t'Ottubru 1961.

Sciberras li ddeskriva kif fl-ajruplan hu kien bilqgħeda ħdejn tieqa. Qal li f'daqqa waħda ħass vibrazzjoni qawwija hekk kif beda l-ġirja l-ajruplan biex jitla'. Fuq kollox innota li ma setax jara d-dwal tal-ġenb tar-*runway* fuq in-naħa tiegħu kif suppost u li allura l-Hastings ma kienx fin-nofs tar-*runway*. Billi dak l-istess Hastings kien laħaq għamel tliet titjiriet dakinhar – Nicosia-El Adem, El Adem-Luqa u Luqa-El Adem – mingħajr problemi il-kawża ma kenitx waħda teknika imma żball uman minn naħa tal-ekwipaġġ. Kien għalhekk li l-bord tal-inkjesta wasal għall-konklużjoni li l-*co pilot* Flg Off D.C. Richards kien qed itajjar il-Hastings minkejja li ma kienx ikkwalifikat biex itajjar ajruplan bil-passiġġieri. Malli nqata' mill-art, is-*seat* ta' Richards iżżerżaq lura minn postu u hekk kif il-kaptan Fl Lt S. Wilkinson ipprova jieħu l-kontroll f'idejh l-ajruplan skiddja u r-rota fuq in-naħa tal-lemin spiċċat barra mir-*runway* u tqaċċtet. Il-ġwejnah fuq dik in-naħa tkaxkar mal-art, inqasam u t-tankijiet tal-fjuwil ħadu n-nar.

Il-funeral ta' fizzjal u seba' suldati tal-Malta Fortress Squadron sar il-Ħamis, 12 t'Ottubru fit-tlieta ta' wara nofsinhar fl-Imtarfa. Wara, il-korteo niżel mill-Imtarfa lejn Ta' Qali, Burmarrad u s-Salini sakemm wasal fiċ-Ċimiterju Militari ta' St Andrews (Pembroke). Xi snin wara wieħed minn dawk li kienu ħelsuha mit-traġedja, Carmel Giordmaina, ħadem monument tal-ġebel għaxar piedi għoli għall-istess ċimiterju biex jikkomemora l-vittmi ta' El Adem. Fuq il-bażi tal-monument hemm l-arma fil-bronż tar-Royal Engineers u fuq wara din l-iskrizzjoni:

*In Memory of the members*
*of the Malta Fortress Squadron Royal*
*Engineers who lost their lives at El Adem,*
*Libya on the 10th October 1961*

Fatt interesanti hu li s-Surmast Onorarju Mro. Paul Schembri li għamel 37 sena bħala surmast direttur tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija peress li kien jaħdem mar-RAF u kien jaf lil dawn il-vittmi kkompona marċ funebru El Adem b'tifkira ta' din il-ġrajja u għal dawn il-vittmi.

© ***Richard J. Caruana – 2016***

**Ħajr:**

Ħajr speċjali lil Joseph Vidal, wieħed minn dawk li baqgħu ħajjin f'din it-traġedja, li għaddieli l-memorji kollha li ġabar matul is-snin biex iffakkruh fi sħabu ta' żmien meta kien fis-servizz.

Col Mark Said, RMA Ret'd li għamel riċerka estensiva fuq dan l-inċident.